26 ta' Jannar, 1953

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President*;

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Onorevoli Prof. Robert V. Galea, O.B.E., A. & C.E., LL.D. (Honoris Causa, Bristol), D.Sc., M.L.A.

*versus*

Onorevoli Mabel E. Strickland, O.B.E., M.L.A.

**Assemblea Leġislativa — Elezzjonijiet — Dekadenza — Appalt mal-Gvern Malti — Ġurisdizzjoni — Art. 7 (1) (e) u Art. 8 (1) (f) tal-Malta Constitution Letters Patent, 1947.**

*Ebda persuna ma tista' tiġi eletta bħala Membru ta' l-Assemblea Leġislativa, jew, wara li tkun ġiet hekk eletta, tieħu parti jew tivvota f'dik l-Assemblea, jekk tkun tifforma parti minn ditta, jew tkun direttur jew manager ta' kumpannija, li jkollha xi kuntratt mal-Gvern Malti akkont tas-Servizz Publiku.*

*U l-post ta' Membru ta' l-Assemblea Leġislativa jsir vakanti jekk dak il-membru jsir jifforma parti ta' ditta, jew isir direttur jew manager ta' kumpannija li jkollha kuntratt simili, wara li dak il-membru jkun ġie elett.*

*L-ewwel raġuni tirriferixxi għal skwalifika preċedenti għall-elezzjoni u għall-effetti tagħha; mentri t-tieni raġuni tirriferixxi għal skwalifikazzjoni sopraġġunta u għall-effetti tagħha.*

*Għall-finijiet tad-dekadenza kontemplata fit-tieni ipotesi, ma hemmx bżonn li l-membru li l-post tiegħu jkun qiegħed jiġi kontestat ikollu x-xjenza li d-ditta li tagħha jkun parti, jew il-kumpannija li tagħha jkun direttur jew manager, għandha sehem f'appalt mal-Gvern Malti; u lanqas ma hija rilevanti l-entità ta' l-appalt li dik id-ditta jew kumpannija jkollha mal-Gvern.*

*Imma, wara li l-Qorti tkun sabet u żammet li l-membru ma għandux dritt joqgħod fl-Assemblea Leġislativa, jew il-post tiegħu huwa vakanti minħabba d-dekadenza tiegħu minn dak id-dritt, il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tikkundannah li jiddeżisti milli joqgħod u jivvota fis-seduti ta' l-Assemblea Leġislativa.*

Il-Qorti — Rat id-deċiżjoni minnha mogħtija fit-23 ta' Jannar 1953, fejn jinsabu miġjubin id-domandi ta' l-attur u l-

eċċezzjonijiet tal-konvenuta, u li biha ġiet respinta l-preġudizzjali tan-nullità; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Semgħet it-trattazzjoni fil-meritu, u eżaminat il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu fuq l-art. 7 (1) (e) u fuq l-art. 8 (1) (f) tal-Malta (Constitution) Letters Patent, 1947. L-ewwel wieħed jiddisponi illi "no person shall be qualified to be elected a member of the Assembly, or, having been so elected, shall sit or vote therein, who is a party to, or a member of, a firm, or a director or manager of a company, which is a party to any subsisting contract with the Maltese Government for, or on account of, the public service". U t-tieni jgħid illi "the seat of a member of the Assembly shall become vacant if he shall become a party to, or if any firm of which he is a director or manager, shall become a party to, any contract with the Maltese Government for, or on account of, the public service...........";

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi deher :—

1. Li l-konvenuta kienet kandidata u ġiet eletta bħala Membru ta' l-Assemblea Leġislativa fl-Elezzjonijiet Ġenerali ta' Mejju 1951;

2. Li mill-1946 'il hawn il-konvenuta tokkupa l-karika ta' "Chairman & Managing Director" tal-"Progress Press Coy. Ltd." u tal-"Allied Malta Newspapers Ltd."; u barra minn hekk, hija l-"principal share-holder" f'dawn il-kumpanniji;

3. Li l-"Progress Press Ltd.", li "ex admissis" hija "subsidiary" tal-"Allied Malta Newspapers Ltd.", (a) biegħet linka kulurita lill-Gvern biex jiġu stampati l-biljetti tal-Lotterija Nazzjonali, u dan minn mindu bdiet dik il-Lotterija, ċjoè mill-1948, u almenu sa ftit xhur ilu, *kif jidher mid-dokument* fol. 26 (b), ħadet appalti minn għand il-Gvern Ċivili ta' Malta ta' l-istampar (kompriża l-fornitura tal-kartonċin u tal-karta) ta' għaxart elef (10,000) "pass books" tas-"Savings Bank". Dan l-appalt ġie meħud fis-17 ta' Jannar 1951, u eżegwit u mħallas fi Frar ta' wara; (c) fil-11 ta' Lulju 1951 (fol. 29) u fid-19 ta' Jannar 1952 (fol. 34), ħadet l-appalt ta' l-istampar ta' l-"Official Reports" tad-"Debates" ta' l-Assemblea. Dan ix-xo-

għol baqa' sejjer sa erba' xhur ilu (depożizzjoni Gruppetta fol. 109 tergo); (d) fl-20 ta' Frar 1952 ħadet appalt ta' l-istampar ta' 1000 "Greengrocers receipt books" u 700 "farmers' voucher books" (fol. 38). Il-konsenja kellha ssir sat-30 ta' Ġunju 1952, liema terminu ġie estiż għal tliet xhur oħra (depożizzjoni John Cassar fol. 135); (e) minn April tas-sena 1952 sal-21 ta' Jannar 1953 ħadet l-appalt ta' l-istampar tal-"Magofo Football Pools Coupons" (ara xhieda John Mifsud fol. 135, u dokumenti fol. 52, 53 u 54);

Ikkunsidrat;

Illi, biex il-kwistjoni quddiem il-Qorti tiġi ċċarata, jaqbel li jiġi rilevat li, mentri l-art. 7 (1) (e), fil-lokuzzjoni tiegħu dupliċi, u li fuqu huma bażati l-ewwel u t-tieni talba, jirriferixxi għar-raġuni ta' skwalifika pre-eżistenti għall-elezzjoni u għall-effetti tagħha, għall-kuntrarju, l-art. 8, li fuqu hi bażata t-tielet talba, qiegħed jirriferixxi għal kwalifika sopraġġunta u għall-effetti tagħha;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi li saru ma jidherx illi l-istanza kontenuta fl-ewwel u t-tieni domanda konsegwenzjali, in kwantu hija bażata fuq l-art. 7 tal-Karta Kostituzzjonali, tista' tiġi sostnuta; għaliex. kwantu għal-linka kulurita, dana kien sempliċi bejgħ, u mhux appalt, peress illi ma jirrikorrux ir-rekwiżiti tal-figura ġuridika ta' l-appalt, u, kwantu għall-"pass books", l-appalt relativ kien meħud, eżegwit u mħallas, qabel ma saret l-elezzjoni. Infatti, il-ħlas sar fi Frar 1951, fil-waqt li l-elezzjoni saret f'Mejju ta' wara;

Ikkunsidrat;

Illi però l-istanza kontenuta fit-tielet talba, in kwantu bażata fuq l-art. 8, teħtieġ, qabel xejn, is-soluzzjoni tal-pont, sollevat mill-konvenuta, jekk, ċjoè, għad-dekadenza kontemplata f'dak l-artikolu, hemmx bżonn illi l-membru li l-post tiegħu jkun qiegħed jiġi attakkat għal dik ir-raġuni, indikata fl-inċiż (f) fuq riportat, għandux ikollu x-xjenza tal-fatt li d-ditta li tagħha jkun membru, jew il-kumpannija li tagħha jkun direttur jew manager, għandha sehem fl-appalt mal-Gvern;

Ikkunsidrat;

Illi fil-liġi tagħna, l-unika li għandha tiġi mħarsa, ma hemm xejn li jista' b'xi mod jiġġustifika illi jiġi rikjest dan l-

element tax-xjenza, u tirrikjedi biss, bħala rekwiżit għall-finijiet tad-dekadenza, il-fatt obbjettiv biss ta' l-itteħid u l-eżistenza ta' l-appalt fiż-żmien rilevanti. Il-kliem tal-liġi huma ċari u definitivi; u l-Qrati ma għandhom l-ebda jedd li jżidu rekwiżit li ma hemmx fil-liġi. Del resto, kieku kien hemm bżonn xi konferma ta' l-opinjoni tal-Qorti, din tiġi mill-art. 9, li jassoġġetta għall-piena ta' £2 għal kull darba li bniedem joqgħod jew jivvota fl-Assemblea waqt li jkun jaf, jew li jkollu raġunijiet tajba biex ikun jaf, li huwa skwalifikat jew li postu tbattal; u dan l-element tax-xjenza ma kienx ikun hemm bżonn li jissemma kieku anki għall-finijiet ta' l-art. 8 (1) (f) kien hemm bżonn l-element tax-xjenza. Dan ifisser ċar illi l-element tax-xjenza huwa rikjest biss għall-finijiet tal-penali;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-osservazzjoni tad-difensur tal-konvenuta għandu jiġi rilevat li r-"ratio legis" mhix biss dik li l-membru ma jħossux liberu li jivvota kif jixraq minħabba d-dipendenza tiegħu mill-Gvern bħala konsegwenza ta' l-appalti, imma hija wkoll dik li l-fiduċja tal-pubbliku fir-rappreżentanti tiegħu ma tkunx skossa minħabba s-suspetti li jistgħu jnisslu dawk l-appalti. Lanqas huma aċċettabili l-argumenti tal-konvenuta fis-sens illi fis-sistema legali ingliż l-element tax-xjenza huwa rikjest; għaliex f'dik il-liġi—House of Commons (Disqualification) Acts, 1782 and 1801—hemm il-kliem "knowingly and wilfully furnish or provide............", dak li ma jirrikorrix fil-liġi tagħna;

Ikkunsidrat;

Illi d-difensur tal-konvenuta pprova anki jeskludi l-applikabilità ta' l-art. 8 (1) (f) bl-argument illi l-kliem "any contract with the Maltese Government for, or on account of, the public service", għandhom ifissru biss "the furnishing or providing of money to be remitted abroad, or wares and merchandise to be used or employed in the service of the public". Dan l-argument id-difensur ibbażah fuq il-"House of Commons Disqualification (Declaration of Law) Act, 1931" li mhux applikabili għal Malta; anzi l-fatt stess li l-leġislatur imperjali ma inkludiex dik il-limitazzjoni fil-Kostituzzjoni attwali, meta ġa kien hemm il-preċedent fir-Renju Unit, juri li ried jeskludiha;

Ikkunsidrat;

Illi lanqas għandha rilevanza l-entità ta' l-appalt; għaliex

il-liġi ma tagħmelx distinzjoni bejn appalt u ieħor; u dan indipendentement mill-fatt li fil-kummerċ kollox għandu l-valur relativ tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi ma jistax jkun hemm dubju li l-appalti tad-"Debates", tal-"farmers' voucher books", u tal-"Magofo Pools", huma "contracts with the Maltese Government for, or on account of, the public service", u illi l-kumpannija li tagħha l-konvenuta hija Chairman u Managing Director u "principal shareholder", kienet il-konċessjonarja ta' dawk l-appalti fiż-żmien li l-istess konvenuta kienet tokkupa l-post ta' Membru ta' l-Assemblea Leġislativa;

Għalhekk ir-rekwiżiti ta' l-imsemmi art. 8 (1) (f) huma soddisfatti;

Ikkunsidrat;

Illi anki kieku din il-Qorti kellha tirritjeni li huwa meħtieġ l-element tax-xjenza, għandu jiġi osservat illi fil-ġurisprudenza ingliża (ara Royse vs. Birley (1869), L.R. 4 C.P. 296), jonqos l-element tax-xjenza meta l-membru li postu huwa attakkat "does not know and has no means of knowing". Mixxhieda ta' l-istess konvenuta jirriżulta, almenu għal dak li jirrigwarda l-"Magofo Pools", li mill-anqas mid-data ta' l-interpellanza magħmula lill-Ministru tal-Finanzi fil-15 ta' Novembru 1952 (fol. 24), hija kienet taf li l-kumpannija kienet ħadet l-appalt ta' xogħol ta' stampa għall-Gvern. Ma hemmx bżonn jingħad li anki b'dan l-appalt wieħed hemm id-dekadenza;

Ikkunsidrat;

Illi, minn barra dan, il-konvenuta "had the means of knowing", jew "ought to have known", illi kien hemm anki appalti l-oħra tad-"Debates" u tal-"farmers' voucher books" għal dawn irraġunijiet :— (a) Bħala Chairman u Managing Director tal-kumpannija kien dmir tagħha, u kellha l-faċilitajiet kollha, biex iżżomm ruħha "al corrente" tax-xogħol li kien qiegħed isir mill-istess kumpannija; (b) almenu l-appalt ta' l-istampa tad-"Debates" ġie avżat fil-Gazzetta tal-Gvern (fol. 42), li tagħha l-konvenuta tirċievi kopja regolarment, u li bħala rappreżentanti tal-poplu, aktar minn kwalunkwe ċittadin ieħor, wieħed jistenna li għandha taqra. Hemm lok ukoll li jiġi rilevat li fil-waqt li fl-okkażjoni ta' l-elezzjoni ta' l-1950 il-kon-

venuta ħadet il-prekawzjoni li tagħti istruzzjonijiet u twissi lill-Kaptan Agius biex ma jieħux xogħol iżjed ta' stamperija minn għand il-Gvern, preċiżament minħabba l-perikolu ta' l-iskwalifika tagħha, fl-okkażjoni ta' l-elezzjoni ta' l-1951 la tenniet dawk l-istruzzjonijiet u dik it-twissija, u lanqas fittxet li tassikura ruħha, kif kien dmir tagħha, li ebda appalt ma kien qiegħed jittieħed għan-nom tal-kumpannija mill-Kaptan Agius, li, kif xehed hu stess, f'din il-materja kien il-mandatarju bi pjeni poteri. Għandu jiġi rievat ukoll illi fid-Dritt l-injoranza trid tkun skużabili, u mhix skużabili dik ta' min volontarjament iżomm għajnejh magħluqa;

Ikkunsidrat;

Illi, għar-raġunijiet fuq miġjuba, l-ewwel u t-tieni talba, bażati fuq l-imsemmi art. 7, ma għandhomx jiġu milqugħa; iżda għandha tiġi milqugħa t-tielet talba, bażata fuq l-art. 8 (1) (f). Kwantu għar-raba' talba, dina ma tistax tiġi attiża, għaliex teżorbita mill-ġurisdizzjoni speċjali lil dina l-Qorti attribwita bl-art. 10 tal-Kostituzzjoni viġenti;

Għaldaqshekk;

Tiddeċidi;

1. Billi, fin-nuqqas ta' skwalifika pre-eżistenti fis-sens premess, tirrespinġi l-ewwel talba u t-tieni talba, li hi konsegwenzjali tagħha, bażati fuq l-art. 7 (1) (e) tal-Letters Patent ta' l-1937, bla ħsara ta' dak li sejjer jiġi provvdut fuq it-tielet talba; bl-ispejjeż kontra l-attur;

2. Billi, in vista ta' l-iskwalifika sopraġġunta fis-sens premess, tilqa' t-tielet talba, bażata fuq l-art. 8 (1) (f) ta' l-istess Letters Patent ta' l-1947; u għalhekk tiddikjara li l-post tal-konvenuta bħala Membru ta' l-Assemblea Leġislativa, imsemmija f'dawk il-Letters Patent, tbattal u hu battal, u li konsegwentement l-istess konvenuta ma tistax tieħu parti u tivvota f'dik l-Assemblea Leġislativa; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

3. Billi, kwantu għar-raba' talba, tiddikjara li l-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni, u għalhekk tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż kontra l-attur.

---